MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2009

Numru. 816/2009

**Il-Pulizja**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Anthony Migneco**

Kumpilazzjoni Nru: 816/2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi **Anthony Migneco** ta' 62 sena, bin Francis u Aurea nee' Borg, imwieled Hamrun fl-20 ta' April 1947, residenti f' Dar Serena, Triq Santa Katerina, Attard u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 430847(M)

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'April 2009 jew fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru

l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ikkorrompa lil Nigel John Abela, ufficjal fid-Dipartiment tal-VAT, u minhabba dan, Nigel John Abela naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu ta' direttur ta' Medairco Limited, b'mezz ta' rigali, weghdiet, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-ewro (€2329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 18, 42, 115(c), 119, 120(1), 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum 9 ta' Settembru 2009 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja meta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat odjern jinkwadraw ruhhom f'kaz ferm aktar wiesa' u li nvoluti fih hemm ghadd ta' persuni ohra li fil-konfront taghhom ukoll hemm proceduri penali pendenti.

Illi l-involviment ta' kull wiehed minn dawn il-persuni fil-kaz in kwistjoni jvarja mhux biss fin-numru ta' imputazzjonijet li l-agir taghhom jinkwadra ruhu fihom imma anke fin-natura tar-reati li allegatament gew kommessi minn kull wiehed minn dawn il-persuni u fil-frekwenza ta'l-agir kriminuz da parti ta' kull wiehed mill-persuni involuti f'dan il-kaz.

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputat hallas flus b'l-ghan li fir-records, ta' socjeta minnu rapprezentata, tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq Valur Mizjud jidher li din is-socjeta m'ghandhiex bilanci pendenti. Illum pero jirrizulta li l-imputat issottometta denunzji korretti b'mod li fir-records tad-Dipartiment jirrizulta dak l-ammont realment dovut mis-socjeta rapprezentata mill-imputat. Issa ghalhekk id-Dipartiment qieghed f'pozizzjoni li, bil-mezzi mghoti lilu skond il-Ligi, jesiegi l-hlas ta' dan il-bilanc.

Illi l-Qorti kkunsidrat ukoll li l-imputat ikkollabora ma'l-ufficjali investigattivi, ammetta l-involviment tieghu mhux biss f'l-istqarrija imma anke f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 42, 115(c), 119, 120(1), 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'appikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' erbgha (4) snin. In oltre il-Qorti qed tordna fil-konfront ta' l-imputat l-interdizzjoni generali perpetwa u ghal dan il-

ghan tordna li, a karigu tar-Registratur ta' din il-Qorti, is-sentenza tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk huwa jikkommetti reat iehor f'perjodu ta' erbgha snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------